50|0782|14
0004|2014

Data: 28 ta' April 2014

**Mozzjoni biex tiġi diskussa l-istat li jinsab fih Vjal il-Ħaddiem Rabat Malta u x'jista' jsir fil-futur qarib biex dan il-vjal jsirlu xogħol ta' rikostruzzjoni.**

**Għanijiet:**

Li tiġi diskussa x'jista' jseħħ biex ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni f'dan il-Vjal jitkomplew wara li intemmu xogħlijiet f'parti minnhu f'Marzu tal-2013 mill-Gvern u ma tkompliex ix-xogħol fuq il-kuplament tat-Triq. Dawn l-aħħar xhur saru xi xogħlijiet fi trinek u b'rizultat it-triq kompliet sejra għal-għar.

Għalhekk:

- Billi l-istat li qed fih Vjal il-Ħaddiem huwa dizastruz u hu ta' periklu ghal kull min jgħaddi minnhu
- Billi qed issir ħsara f'vetturi differenti minħabba il-ħofor li hemm
- Billi qed jkun ta' periklu għal min jgħaddi minnha minħabba hofor prezenti
- Billi kien hemm nies li weġġgħu minħabba li waqgħu fl-istess ħofor
- Billi huwa ta' inkonvenjent it-trabijiet li hemm prezenti lir-residenti
- Billi kien hemm aċċidenti bejn vetturi li provaw jiskapolaw xi ħofor
- Billi hemm problema ta' rwejjaħ ta' drenaġġ
- Billi rizultat ta' l-istat ta' dan il-Vjal ħafna vetturi u trakkijiet qed juzaw toroq oħrajn qalb il-bini fosthom Triq Borġ Olivier biex jiskapolaw dawn l-imsemmija ħofor u joħolqu konġstjonijiet ta' traffiku minħabb li dawn it-toroq ma jifilħux għal dan it-traffiku

Il-Kunsilliera hawn taħt iffirmati qed nressqu din il-Mozzjoni biex jiġi diskuss dak li jista' jsir biex tittejeb il-kundizzjoni u s-sigurta f'dan il-Vjal filwaqt li jkompli x-xogħol ta' rikostruzzjoni mmedjatament.Għalhekk qed nirrakomandaw ukoll li tinkiteb ittra mmedjata lill-Ministeru konċernat wara li diġa saru diversi tentattivi biex tiġi diskussa din il-materja iżda ma kien hemm l-ebda avvanz.

Proponent 342792M
IAN VASSALLO

Sekondant 243276M
STEPHEN BORG

RUDOLPH GRIMA 236566M

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Prezentata illum it-Tlieta 29 ta' April 2014